MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 4/2003

Rita Camilleri .

vs

Carmela armla ta' Anton Cremona u wliedha Marbeck u Louise ahwa Cremona .

`Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet :

Illi l-konvenuti ossia l-awturi taghhom permezz ta' avviz quddiem dina l-Onorabbli Qorti li jgib in-numru 47/2001 fl-ismijiet "Anton Cremona et vs Rita Camilleri" wara li ppremettew falzament li hija qed tokkupa l-fond numru 19 Pjazza San Gorg, Victoria, Ghawdex minghajr ebda titolu validu fil-ligi, talbu li l-istess konvenuta tigi kkundannata

biex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti tizgombra mill-imsemmi fond ;

Illi permezz ta' sentenza taghha disgha u disghin moghtija fl-ismijiet premessi fis-26 ta' Novembru, 2002, din il-Qorti fil-kontumacja tar-ritrattanti ghall-kapitoli pprezentati mill-atturi f'dik il-kawza laqghet it-talba taghha fuq imsemmija;

Illi r-rirtrattanti saret taf bis-sentenza msemmija biss meta giet notifikata bl-avviz ghall-izgumbrament wara li kien ghadda t-terminu tal-appell ;

Illi r-ritrattanti hija mara semi-illitterata u anzjana li l-karti li tircievi tehdilha hsiebhom bintha Rose Zammit li qatt ma fehmitha l-import u n-natura vera tal-avviz li kienet giet notifikata bieh, u tatha l-impressjoni li kienet biss ittra u dan sabiex ma tinkwetahiex ghax l-inkwiet bhal dan jista facilment iwassal ghall-mewt taghha stante l-istat delikat ta' sahha li tinsab fih ;
Illi l-avukat patrocinatur imqabbad minn bintha kien jghid lill-istess bintha biex ma tidhirx il-Qorti ghax kien sejjer jiehu hsieb hu eppure ma nfurmahom b'xejn dwar l-andament tal-kawza u wisq inqas bil-kapitoli ghas-subizzjoni ;

Ill mhux bizzejjed li jigu pprezentati l-kapitoli imma jehtieg ukoll li l-Qorti tkun sodisfatta bil-provi mressqa bl-istess kapitoli jew b'mod iehor u tghid ghaliex kienet hekk sodisfatta, eppure l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza semplicement ghax il-konvenuta naqset milli tipprezenta l-kapitoli;

Illi l-imsemmija sentenza hija priva minn kull tismija ta' motivazzjoni u ghaldaqstant hija nulla ;

Illi ghalhekk qed tintalab ritrattazzjoni tal-imsemmija kawza permezz ta' citazzjoni fl-ismijiet Rita Camilleri vs Carmela Cremona et li qed tigi pprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni;

Illi r-ritrattanti tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 823 ta' Kap 12 u tottjeni t-

twaqqif tal-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza; u ghal dan il-ghan qeghda tipprezenta citazzjoni opportuna quddiem dina l-Qorti ;

Illi kontestwalement mac-citazzjoni ghat-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza qeghda tigi pprezentata garanzija bankarja skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 823(2)(a) ta' Kap 12 (Dok.A) ;

Illi bla dubbju f'dan il-kaz, fejn ir-rikorrenti hija mara anzjana ta' 'il fuq minn tmenin sena, u marida, il-pregudizzju sejjer ikun ferm ikbar minn dak li jistghu isofru r-ritrattati u jista' facilment iwassal ghall-mewt taghha bix-xokk illi tiehu stante li l-ikbar xewqa ta' hajjitha hi li tqatta' l-ahhar zmien ta' hajjitha fid-dar fejn dejjem ghexet .

Talbet li din il-Qorti joghgobha :

1. tordna t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet premessi b'effett immedjat u dan sakemm tinqata' l-kawza tar-ritrattazzjoni msemmija .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici minnha mahlufa .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew :

1. Illi l-garanzija bankarja migjuba mill-attrici fl-ammont ta' mitejn u hamsin lira maltin (LM250) kontestwalemnt mtat-talba taghha ghat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza tas-26 ta' Novembru 2002, fil-kawza fl-ismijiet : Anton Cremona et vs Rita Camilleri (Avviz nru. 47/01), mhijiex wahda idonea u li tissodisfa dak rikjest mill-artikolu 815 u 823(2) (a) tal-KOPC Kap 12, u ghaldaqstant it-talba taghha ghandhd tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha ;

2. Illi r-ragunijiet li fuqhom l-attrici qeghda tibbaza l-kawza ta' rirtrattazzjoni [Citazzjoni numru 3/2003] li giet ipprezentata kontestwalemnt ma' din il-kawza huma bla ebda fondament legali u bit-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza surreferita sakemm tiehu l-kors

taghha u tigi deciza finalment il-kawza ta’ ritrattazzjoni, il-pregudizzju ghall-eccipjenhti ser ikun ferm akbar minn tal-attrici milli kieku l-istess sentenza kellha tigi esegwita fil-konfront tal-istess attrici;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti mahlufa minn Carmela Cremona .

Rat id-digriet taghha ta’ l-24 ta’ Jannar 2003 fejn laqghet it-talba ta’ l-attrici maghmula fir-Rikors tat-23 ta’ Jannar 2003 ghas-sospensjoni provizorja tas-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni u dana sakemm tigi deciza il-kawza prezenti .

Rat il-garanzija bankarja rilaxxjata mill-Bank of Valletta fit-23 ta’ Jannar 2003 (Dok. A annessa mac-citazzjoni) .
Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri respettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-attrici qed titlob li din il-Qorti joghgobha tordna t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza indikata fic-citazzjoni u li taghha qed titlob ir-ritrattazzjoni, b’effett immedjat u dan sakemm tinqata’ l-kawza tar-ritrattazzjoni msemmija .

Illi l-konvenuti qeghdin joggezzjonaw bil-qawwa ghal din it-talba ghax ihossu illi wara dawn is-snin kollha sakemm irnexxielhom jottjenu sentenza ta’ zgumbrament kontra l-attrici prezenti, huma jippretendu illi issa jithallew jesegwixxu dik is-sentenza minghajr ebda xkiel ulterjuri .

Huwa minnu illi l-Qorti f’talba ghar-ritrattazzjoni ta’ kawza mhix obbligata illi tissospendi l-esekuzzjoni tas-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, imma jidher illi l-

gurisprudenza konstanti f'kazijiet simili li jinvolvu l-izgumbrament minn xi proprjeta' "…. **sakemm ma jirrikorrux ragunijiet verament specjali, jidher li *prima facie* il-pregudizzju ta' min ser ikun sejjer jigi zgumbrat huwa aktar minn ta' dak ta' min ser jiehu hwejgu lura** (Rizzo v. Bezzina – Appell: 10.1.1995. Hekk ukoll il-Qrati taghna esprimew il-veduta illi "....**jekk ma tintlaqax it-talba ghas-sospensjoni, l-ezekuzzjoni ta' issa tas-sentenza gia ottenuta timplika zewg zgumbramenti, f'kaz ta' ezitu favorevoli tar-ritrattazzjoni . Din il-possibilita' ghandha tigi evitata . Dan dejjem sakemm il-pregudizzju tal-intimata bin-nuqqas ta' tehid immedjat ta' hwejjigha ma jkunx tant gravi li anke diffikolta' simili trid tigi skartata"** (George Pavia v. Joseph Micallef – Appell: 4.5.1992) . Dawn iz-zewg sentenzi gew citati favorevolment ukoll recentement mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri f'sentenza taghha tas-16 ta' Dicembru 2002 (Michael Cutajar v. Roberta Muscat: 16.12.2002) .

Fil-kaz in ezami ghandna minn naha l-wahda l-attrici, mara anzjana f'kundizzjoni ta' sahha xejn sabiha li qed tiffaccja zgumbrament minn dik li ghal hafna snin kienet l-unika residenza taghha . Minn naha l-ohra hemm il-konvenuti li ilhom jistinkaw ghal diversi snin sabiex jipprovaw jiehdu lura hwejjighom, wara li d-dar in kwistjoni kienet giet rekwizizzjonata mill-gvern sabiex tigi akkomodata l-attrici prezenti . Il-Qorti tifhem u tapprezza l-frustrazzjoni tal-konvenuti li wara dawn is-snin kollha, meta hasbu li fl-ahhar setghu jiehdu hwejjighom lura, sabu ruhhom rinfaccjati b'dawn il-proceduri godda, u kollox rega' gie stallat, bil-konsegwenza illi jekk ser ikun hemm aktar dewmien fl-ezekuzzjoni tas-sentenza kontestata, wahda mill-konvenuti li ghandha bzonn din id-dar ghall-abitazzjoni taghha, mhux ser tkun tista' twettaq almenu ghal issa x-xewqa taghha .

Imma rinfaccjata b'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma illi l-pregudizzji li tista' ssofri l-attrici prezenti, kemm-il darba tigi zgumbrata f'dan l-istadju tal-proceduri, jkun ferm akbar minn dak tal-konvenuti kieku kellhom

jistennew ftit iehor sakemm jigu decizi definittivament il-proceduri dwar ir-ritrattazzjoni tas-sentenza kontestata .

Ghal fini tal-garanzija msemmija fl-artikolu 823 (2a) tal-kap.12, il-Qorti tinnota illi l-attrici offriet garanzija bankarja fis-somma ta' mitejn u hamsin lira maltija (Dok. A) . Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, fejn jidher illi fost affarijiet ohra, il-fond in kwistjoni jinsab f'kundizzjoni prekarja u partijiet minu jistghu jiggarrfu minn mument ghall-iehor jekk ma jsirux it-tiswijiet mehtiega malajr, il-Qorti jidhrilha illi din il-garanzija mhix adegwata . Ghalhekk l-istess garanzija ghandha tigi awmentata b'somma ulterjuri ta' elf seba' mija u hamsin lira maltija (Lm1750).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt illi tichad l-eccezzonijiet tal-konvenuti, tiddecidi din il-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-attrici u tordna b'effett immedjat is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza taghha tas-26 ta' Novembru 2002, msemmija f'din ic-citazzjoni u dana sakemm tinqata' l-kawza tar-ritratazzjoni ta' l-isetss kawza indikata; b'dana pero' illi l-attrici ghandha zmien hmistax il-gurnata mil-lum, toffri garanzija bankarja ulterjuri fis-somma ta' elf seba' mija u hamsin lira maltija (Lm1750).

Il-Qorti tirriserva li tipprovdi dwar il-kap ta' l-ispejjez, flimkien ma' s-sentenza finali taghha fil-kawza ghar-ritrattazzjoni msemmija .

--------------------------------TMIEM--------------------------------